MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 87/1997/1

Stephen u Louise konjuġi **SPITERI**

vs

**CAMILLERI MARBLE WORKS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Jannar, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (i) issib li l-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "CMW") taħti għad-danni li huma ġarrbu minħabba twettiq ħażin tax-xogħol tat-tqegħid ta' rħam u granit fil-post "*Villa Mountjoy*", f'numru 31, Triq Birguma, Naxxar, mogħti lilha b'appalt mill-istess atturi; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan, id-danni mġarrba minnhom fis-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin

(Lm 1,800)[1] li kien id-depożitu mħallas minnhom akkont lil CMW flimkien man-nefqa biex jinqala' l-irħam u l-granit li laħaq tqiegħed fl-imsemmi post; (iii) tikkundanna lil CMW tħallas is-somma hekk likwidata bħala danni mġarrba, jekk meħtieġ (iv) billi tiddikjara maħlul il-ftehim tal-appalt mogħti lilha. Talbu l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Settembru, 1997, li biha l-kumpannija mħarrka CMW laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien ta' sena ladarba t-talbiet tagħhom huma konsistenti f'ilment dwar difett mistur tal-ħaġa mibjugħa. Fil-mertu laqgħet billi qalet li hija wettqet l-appalt mogħti lilha skond is-sengħa u l-ħila;

Rat il-Kontro-Talba mressqa minn CMW flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jħallsuha s-somma ta' elf mitejn u tlieta u sittin lira Maltin (Lm 1,263)[2], flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-atturi rikonvenzjonati fl-4 ta' Diċembru, 1997, li biha laqgħu għall-kontro-talba at' CMW billi qalu li m'għandhom iħallsu xejn minħabba x-xogħol ħażin tal-istess CMW u d-danni li qegħdin iġarrbu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Marzu, 1998, li bih ordnat li jinstemgħu l-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' CMW;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' April, 2000[3], li bih ħatret lil Frank Abela bħala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar l-aspetti tekniċi tal-każ;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fil-15 ta' Ġunju, 2001[4], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2002;

---
[1] Li jġibu €4,192.87 fi flus tal-lum
[2] Li jġibu €2,942 fi flus tal-lum
[3] Paġ. 112 tal-proċess
[4] Paġġ. 124 – 135 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Mejju, 2002, li bih tat lill-atturi l-fakulta' li jressqu lill-perit tekniku b'xhud tagħhom in eskussjoni;

Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-perit tekniku mressaq b'xhud tal-atturi in eskussjoni[5];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni minħabba appalt imwettaq ħażin, b'talba rikonvenzjonali għall-ħlas ta' materjal u xogħol supplit;

Illi l-atturi jgħidu li kienu taw appalti lil CMW biex tipprovdi u tqiegħed irħam u granit f'turġien fuq ġewwa u wkoll fuq barra tad-dar tagħhom f'Birguma, fil-limiti tan-Naxxar, u sollijiet ta' twieqi u wiċċ ta' bank tal-kċina. Huma ħallsu l-prezz tal-ewwel appalt, imma, minħabba li sakemm kien qiegħed jitqiegħed ix-xogħol tat-tieni appalt, bdew jidhru xi nuqqasijiet fix-xogħol magħmul waqt l-ewwel appalt, ma ħallsux il-prezz tax-xogħlijiet l-oħrajn. Huma jgħidu li x-xogħol appaltat sar ħażin u għalhekk qegħdin jitolbu li x-xogħol jinqala' u jittieħed lura u jitħallsu d-danni. Min-naħa tagħha, bl-azzjoni rikonvenzjonali tagħha, CMW qegħda titlob il-ħlas tax-xogħol supplit u mhux imħallas, filwaqt li laqgħet billi qalet, b'mod preliminari, li l-azzjoni tal-atturi waqgħet bil-preskrizzjoni, u, fil-mertu, billi qalet li hija wettqet l-appalti mogħtijin lilha b'mod tajjeb u kif jitolbu s-sengħa u l-ħila;

[5] Paġġ. 147 – 153 tal-proċess

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li għall-ħabta ta' Awissu tal-1993, l-attriċi kienet ordnat taraġ tal-granit tal-għamla "*nero imperiale*" biex jitqiegħed bħala t-taraġ ta' ġewwa d-dar tal-atturi, u kif ukoll irħam tal-għamla "*bianco Carrara*" biex jitqiegħed bħala taraġ li jagħti għall-bejt tal-istess dar. Dan ix-xogħol kien stmat b'kollox għall-prezz ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm 1,800), li minnhom tħallsu akkont tliet mitt lira (Lm 300) dak inhar tal-ordni[6]. Aktar 'il quddiem, bejn l-aħħar xhur tal-1993 u l-bidu tal-1994, l-atturi għamlu ordnijiet oħrajn ma' CMW dwar provvista u tqegħid ta' wiċċ tal-bank tal-kċina, *skirting* u sollijiet tat-twieqi tal-granit u medda taraġ tal-granit tal-għamla "*rosa beta*" għall-quddiem il-bieb ta' barra tad-dar;

Illi l-atturi ħallsu l-bilanċ tal-prezz miftiehem tal-ewwel ordni hu u jsir ix-xogħol tat-tieni ordni, u wkoll wara li kienu dehru xi tbajja' fuq il-meded ta' turġien imqegħdin fl-ewwel ordni. L-atturi jgħidu li dan il-ħlas sar għaliex Wiġi Camilleri ta' CMW kien serrħilhom moħħhom li biż-żmien it-tbajja' jittaffew u jmorru[7]. Minħabba li mhux talli t-tbajja' ma naqsux u ma ntfewx, imma żdiedu u beda jtir ukoll il-wiċċ tal-meded imqiegħda, l-atturi ma ħallsux il-prezz tax-xogħol l-ieħor imqiegħed;

Illi fit-22 ta' Settembru, 1994, CMW interpellat lill-atturi b'ittra uffiċali biex iħallsuha l-bilanċ tal-prezz tax-xogħol l-ieħor li kienet ikkonsenjatilhom. L-atturi wieġbu b'ittra uffiċjali tagħhom tas-6 ta' Ottubru, 1994[8], li fiha talbuha tersaq għall-ħall tal-appalt, għat-tneħħija tax-xogħol ħażin u għar-radd lura tal-ħlas li kienu għamlulha. F'Novembru tal-1994, l-atturi ħatru perit biex jara x-xogħol li tqiegħed fid-dar tagħhom u ħallielhom rapport[9], li kopja tiegħu ntbagħtet lil CMW f'Jannar tal-1995[10] . Fit-28 ta' Frar, 1996, CMW reġgħet bagħtet ittra uffiċjali oħra lill-atturi, li għaliha wieġbu b'oħra tat-13 ta' Marzu, 1996[11];

[6] Dok f'paġ. 138 tal-proċess
[7] Xhieda ta' l-attriċi 20.5.1998 f'paġġ. 63 – 6 tal-proċess
[8] Dok "LS1", f'paġ. 53 tal-proċess
[9] Dok "SS1", f'paġ. 19 tal-proċess
[10] Dok "LS2", f'paġ. 55 tal-proċess
[11] Dok "LS3", f'paġ. 57 tal-proċess

Illi l-kawża nfetħet f'Jannar tal-1997;

Illi l-Qorti tqis li fost il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ, l-aktar waħda li tispikka hija dik dwar in-natura tan-negozju li seħħ bejn l-atturi u CMW. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-ftehim bejn il-partijiet kien li CMW tqiegħed il-materjal li kienet mitluba li tforni hija wkoll. Kemm hu hekk, **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** ta' CMW hija sewwasew marbuta mal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi mibnija fuq l-azzjoni mnissla mill-garanzija dwar id-difetti mistura;

Illi, fis-sewwa jrid jingħad, li għalkemm fi stadju bikri tas-smigħ ta' din il-kawża din il-Qorti kif dak iż-żmien kienet presjeduta kienet espressament dekretat li kellha tisma' biss provi u ssir it-trattazzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni preliminari, jidher li l-kawża ħadet xejra oħra u, sa ma ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta, kien saħansitra nħatar perit tekniku li kien laħaq irrelata dwar it-talbiet fil-mertu. Sa ċertu punt ukoll, dan il-fatt kien traskurat waqt it-trattazzjoni tal-għeluq li saret quddiem il-Qorti, u kien biss f'kuntest ieħor li ssemm xi ftit mill-għaref difensur ta' CMW fis-sottomissjonijiet tiegħu;

Illi dan ma jfissirx li b'daqshekk dik l-eċċezzjoni kienet irtirata. La ma ġietx irtirata, il-Qorti jkollha tistħarriġha;

Illi dik l-eċċezzjoni tinbena fuq il-presuppost li l-azzjoni attriċi hija waħda redibitorja, mnissla mill-eżistenza ta' difetti li ma kinux jidhru meta l-materjal tiqiegħed fil-post u kien konsenjat;

Illi huwa minnu li għal bosta snin id-duttrina l-aktar prevalenti, u li wkoll kienet aċċettata mill-qrati tagħna, kienet tgħallem li meta appaltatur jaċċetta ħatra li fiha jagħti x-xogħol tiegħu u wkoll jipprovdi l-materjal, dak l-appalt isir jixbah il-kuntratt tal-bejgħ, u għalhekk jingħataw lill-partijiet (l-iżjed lil dik il-parti li tkun qabbdet li jsir ix-xogħol) ir-rimedji li l-liġi tagħti lix-xerrej[12]. Imma, mill-kliem

[12] Ara, b'eżempju, App. Kumm **7.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ vs Joseph Mifsud*** (mhix pubblikata), Kumm JH **17.5.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***George Casha et vs George Delia pro et noe*** (mhix pubblikata) u App. Kumm. **1.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Camilleri et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.198**) u oħrajn

innifsu tal-liġi dwar l-appalt[13], tali regola tidher li hija simpliċistika wisq u ma twassalx tabilfors għall-qagħda fejn dejjem jitqies li huwa bejgħ dak in-negozju fejn min jitqabbad iforni wkoll il-materjal;

Illi għalhekk, biex wieħed jagħraf jekk negozju partikolari huwiex appalt inkella bejgħ, jidher li l-kriterji distintivi huma l-prevalenza tal-parti tax-xogħol mogħti fuq l-aspett tal-materjal fornit, b'mod li l-parti "*di fare*" tkun l-aktar f'idejn l-appaltatur u t-tmexxija tkun b'riskju tiegħu. Dawn il-kriterji għandhom joħorġu mir-rieda tal-partijiet imdaħħla fin-negozju partikolari li jkun[14]. Meta, imbagħad, il-ħaġa li tintalab titwettaq ma tkunx sempliċi għażla ta' oġġett li minnu l-appaltatur iwettaq fil-produzzjoni ordinarja tiegħu (bħal, per eżempju, meta persuna tara mudelli ta' għamara f'*showroom* tiegħu u tordna wieħed bħalhom jew b'xi bidliet żgħar), dak in-negozju ma jibqax aktar wieħed ta' bejgħ, imma jieħu x-xeħta kollha ta' kuntratt ta' appalt[15];

Illi kieku l-Qorti kellha tieqaf biex tqis l-azzjoni attriċi f'din il-kawża li għandha quddiemha, issib li l-atturi espressament bnewha fuq il-kuntratt tal-appalt u mhux fuq il-kwestjoni tad-difetti mistura. Għalkemm l-użu ta' ċerti espressjonijiet m'huwiex determinanti għall-għarfien tal-għamla tal-azzjoni li tkun, wieħed ma jistax jinjora xi tkun qegħda titlob il-parti attriċi li tiftaħ kawża. L-eċċezzjoni tal-parti mħarrka m'għandhiex tinbena fuq x'taħseb li dik il-parti li messha jew x'setgħet kienet il-fehma tal-parti attriċi, imma fuq tassew x'kienet il-fehma u r-rieda tal-parti attriċi kif murija fl-għamla tal-azzjoni magħżula. Minbarra dan, ukoll kieku kellu jingħad li l-azzjoni attriċi f'din il-kawża kienet waħda mibnija fuq il-kuntratt tal-bejgħ, jidher li ma kinitx waħda mibnija fuq il-garanzija dwar id-difetti mistura[16], daqskemm fuq l-azzjoni l-oħra tal-kunsinna ta' ħaġa li ma kenitx tal-kwalita' miftehma[17];

---

[13] Artt. 1633 u 1634 tal-Kap 16
[14] Kumm. **28.8.1951**fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Mamo noe*** (Kollez. Vol: **XXXV.iii.639**)
[15] Ara P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Marcel Paċe Axiaq noe vs Joseph Camilleri et*** għal tifsira ċara u riċensjuri tad-distinzjoni bejn iż-żewġ suriet ta' kuntratti
[16] Art. 1427 tal-Kap 16
[17] Art. 1390 tal-Kap 16

Illi, jekk kemm-il darba dan kien il-każ, il-preskrizzjoni (li, fis-sewwa, huwa żmien ta' dekadenza aktar milli wieħed ta' preskrizzjoni) mqajma minn CMW ma kinitx tgħodd għall-każ minħabba li għaliha jgħodd żmien ta' preskrizzjoni itwal[18]. Dan iż-żmien itwal, imbagħad, fil-każ tal-lum, ma seta' jaqa' qatt minħabba li kien għal darbtejn imwaqqaf bis-saħħa tal-intima b'atti ġudizzjarji min-naħa tal-atturi[19] ;

Illi, fil-każ tal-lum u wara li tqiesu l-prinċipji li għadhom kemm issemmew, din il-Qorti tqis li n-negozji li seħħew bejn l-atturi u CMW kienu ftehim ta' appalt u mhux ftehim ta' bejgħ;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjoni preliminari ta' CMW m'hijiex imsejsa la fil-fatt u lanqas fid-dritt u m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi għal **dak li jirrigwarda t-talbiet tal-partijiet fil-mertu** għandna quddiemna żewġ azzjonijiet bis-saħħa tal-azzjoni ewlenija u tal-azzjoni rikonvenzjonali. L-azzjoni ewlenija tinbena fuq l-inadempiment kuntrattwali u t-talba għat-tħassir tal-kuntratt tal-appalt, filwaqt li l-azzjoni rikonvenzjonali tinbena fuq it-talba għall-ħlas tax-xogħol konsenjat;

Illi l-aspetti tekniċi marbutin mal-kontenzjonijiet taż-żewġ partijiet jiffurmaw il-qafas ta' dan il-każ. Ħabat tajjeb ukoll li ż-żewġ partijiet ressqu xhud kull wieħed bħala espert "*ex parte*"[20]. Dawn it-tnejn ressqu wkoll ir-rapporti tagħhom[21]. Minbarra dan, inħatar perit tekniku midħla sewwa fil-qasam li kellu l-opportunita' (kif fil-fatt jidher li għamel tul ir-Relazzjoni tiegħu) li jara x-xogħol b'għajnejh fuq il-post, jitlob kjarifiki mill-partijiet u jifli wkoll l-imsemmija rapporti *ex parte*;

Illi mill-kostatazzjonijiet magħmula mill-istess perit tekniku u r-raġunijiet dettaljati li huwa jagħti fir-Relazzjoni tiegħu,

[18] Art. 1407(1) tal-Kap 16
[19] Art. 2128 tal-Kap 16
[20] L-A.I.Ċ. Michael Attard, għall-atturi u l-marmista Joseph Azzopardi għal CMW, f'paġġ. 84 – 5 u 102 – 110 tal-proċess
[21] Dokti "SS1", "MA1" u "JA", f'paġġ. 19, 81 u 98 – 9 tal-proċess

joħorġu ċerti fatti (u mhux sempliċi fehmiet ipotetiċi jew konġetturi) li jneħħu minn fuq CMW kull addebitu dwar materjal skadenti jew mhux kif mitlub mill-atturi, u kif ukoll dwar xogħol li ma sarx tajjeb jew li messu kien imwettaq mod ieħor minn bniedem jew ażjenda li hija midħla f'dan ix-xogħol. Għall-perit tekniku, dak li seħħ fix-xogħol mogħti lill-atturi kien effett dirett u probabbli ta' għamil li sar mill-atturi (fil-każ tal-għeluq tal-post għal ċertu tul ta' żmien jew l-issiġillar ta' kull żbokk mnejn setgħet toħroġ l-umdita') jew tal-kuntratturi mqabbdin minnhom fil-bini tad-dar (fil-każ tas-sodda li fuqha tqiegħed it-taraġ ta' barra), jew saħansitra tat-toponomija tal-post innifsu (dar mibnija fuq ġenb ta' art li xxaqleb b'pendil lejn id-dar tal-atturi) minn qabel ma sar ix-xogħol li tqabbdet tagħmel CMW;

Illi l-perit tenna l-istess fehmiet ukoll meta sarlu eżami akkanit b'eskussjoni tal-fehmiet tiegħu. F'dan ir-rigward, u bla ma toqgħod tirrepeti fit-tul u bla ħtieġa, l-Qorti tirreferi għall-paragrafi 18, 20, 22, 23, 29, 31, 34, 36 u 38 tal-imsemmija Relazzjoni biex turi fejn hija sabet il-konvinċiment tagħha fuq is-sejbiet tal-perit tekniku;

Illi l-Qorti tagħraf li fit-twettiq tax-xogħol mogħti lilu, kull appaltatur irid iħares b'għaqal mistenni minn kull missier tajjeb tal-familja u skond id-dettami tal-artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili, il-mod kif iwettaq l-appalt[22]. B'mod partikolari, biex l-appaltatur jista' jingħad li ta xogħol tajjeb irid juri li huwa ikkontrolla sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u jagħti każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol appaltat[23];

Illi, madankollu, fil-każ tal-lum, minn dak li fisser il-perit tekniku, l-Qorti tasal għall-fehma li dak li jilmintaw minnu l-atturi ma jissarrafx f'raġuni ta' inadempiment li jġib miegħu raġuni tajba biex jinħall il-kuntratt tal-appalt, imma huwa ġabra ta' ċirkostanzi li jmorru lil hinn mir-rieda u l-ħila ta' CMW, jekk mhux ukoll saħansitra mill-imġiba kontributorja

---

[22] App. Inf. **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***TalFranċiż Construction Ltd et vs Anġlu Żarb***

[23] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri noet vs Peter Paul Testaferrata Moroni Viani***

tal-atturi nfushom. F'dan il-każ, il-Qorti ssib li daqstant ieħor tgħodd ir-regola tal-liġi li, sakemm ma hemmx dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid mod ieħor, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li sseħħ minħabba n-nuqqas ta' prudenza, għaqal jew ħsieb tajjeb fi grad ogħla[24];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma sħiħa li ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandha tilqa' t-talba tal-atturi biex tordna l-ħall tal-kuntratt tal-appalt, u lanqas biex issib lil CMW ħatja ta' xi danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu jew li tordna t-tneħħija tax-xogħol konsenjat u r-radd lura tal-prezz imħallas;

Illi, ladarba l-Qorti ma sabitx raġunijiet tajbin biex tilqa' t-teżi tal-atturi, u għalhekk m'hijiex sejra tilqa' t-talbiet attriċi u fosthom it-talba għat-tħassir tal-appalt, dan iwassal għall-i**stħarriġ tal-kontro-talba** ta' CMW. Din l-azzjoni hija talba skjetta u sempliċi għall-ħlas tax-xogħol fornit u li baqa' ma tħallasx;

Illi għal din il-kontro-talba, l-atturi jilqgħu biss billi jgħidu li dik it-talba ma jmisshiex tintlaqa' għaliex, fid-dawl tat-talba ewlenija tagħhom, l-appalt ma sarx kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u jixraq li jitħassar. B'hekk, iżidu jgħidu, CMW ma jistħoqqilha l-ebda ħlas. B'mod partikolari, l-atturi ma jmieru xejn mill-prezz mitlib u s-siwi tiegħu imqabbel max-xogħol mogħti lilhom;

Illi l-Qorti tinnota li, kif sewwa jissottometti l-għaref avukat ta' CMW, il-ħlas imsemmi fil-kontro-talba jirreferi għat-tieni u t-tielet ordnijiet li ngħataw mill-atturi, u dan billi l-ħlas li huma kienu għamlu kien jirreferi (u jissalda) l-ewwel ordni. Tinnota wkoll li l-ewwel ordni kienet saret għaliha waħedha u ifissat prezz għaliha li tħallas ukoll. Huwa minnu li l-atturi jgħidu li dan għamluh għaliex CMW serrħitilhom rashom li t-tbajja' fl-irħam kienu sejrin jittaffew maż-żmien, iżda l-atturi xorta waħda għażlu li jagħmlu ordnijiet oħrajn. Mhux hekk biss, imma mix-xhieda mogħtija[25] joħroġ li x-xogħol mogħti f'waħda mill-ordnijiet sussegwenti huwa aċċettat minnhom u huwa għal

---

[24] Art. 1032(2) tal-Kap 16
[25] Xhieda tal-atturi 25.3.1998 u 20.5.1998, f'paġġ. 40 u 68 tal-proċess

qalbhom (senjatament il-wiċċ tal-bank tal-kċina). Ħareġ ukoll li l-materjal użat għal dak il-wiċċ tal-bank tal-kċina kien mill-istess għamla u kwalita' ta' wieħed mit-turġien li dwar il-kwalita' tiegħu jilmentaw l-atturi;

Illi, mbagħad, meta l-attriċi xehdet fil-kontro-eżami, stqarret li l-ħlas tal-ordnijiet sussegwenti ma sarx sakemm jibqgħu t-tbajja' li kienu ħarġu fl-irħam u l-granit konsenjat fl-ewwel ordni, u mhux minħabba x-xogħol ħażin tal-ordnijiet sussegwenti;

Illi hu prinċipju aċċettat li jekk il-prezz ikun ġie ffissat għal kull unita' ta' xogħol f'appalt, l-appaltatur ikollhu l-jedd jitħallas għal kull xogħol magħmul u kunsinnat, sakemm naturalment, dan ikun twettaq sewwa[26];

Illi, mill-kostatazzjonijiet magħmulin mill-perit tekniku u li dwarhom din il-Qorti kellha l-okkażjoni tagħmel ir-riflessjonijiet tagħha, joħroġ li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-pretensjonijiet ta' CMW ma jmisshomx jintlaqgħu;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda ssib li t-talba ta' CMW hija mistħoqqa u, minħabba li mix-xogħol minnha mogħti l-atturi ma ħallsu xejn, issib li CMW għandha tieħu mingħandhom is-somma ta' elfejn disa' mija u tnejn u erbgħin euro (€ 2,942), flimkien mal-imgħaxijiet relativi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka, billi ssib li l-preskrizzjoni msemmija ma tgħoddx għall-azzjoni attriċi;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma ntweriex li l-kumpannija mħarrka naqset milli twettaq dak li tqabbdet tagħmel jew li dak li jilmentaw minnu l-atturi taħti għalih l-istess kumpannija mħarrka;

---

[26] P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Sacco vs Penza Construction Ltd.***

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-atturi għat-talba rikonvenzjonali tal-kumpannija mħarrka, billi dawn la huma mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi;

**Tilqa' t-talba rikonvenzjonali tal-kumpannija mħarrka** u tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jħallsuha s-somma ta' elfejn disa' mija u tnejn u erbgħin euro (€2,942), rappreżentanti l-prezz ta' xogħol ta' tqegħid u provvista ta' granit u rħam fid-dar tal-atturi, flimkien mal-imgħaxijiet relativi fuq l-imsemmja somma b'seħħ mill-24 ta' Settembru, 1994 sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tordna** li filwaqt li l-kumpannija mħarrka **tħallas l-ispejjeż** marbutin mal-eċċezzjoni preliminari tagħha, l-atturi jħallsu l-ispejjeż dwar it-talba tagħhom u kif ukoll tal-kontro-talba.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------